MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2013

Appell Kriminali Numru. 295/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Raymond Cassar)**

**v.**

**Jeremy James Farrugia**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet dedotti mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi Jeremy James Farrugia, detentur tal-karta tal-identita` numru 558384 (M), talli:

a) fid-19 ta’ Novembru 2006 għall-ħabta ta’ bejn l-erbgħa u nofs ta’ wara nofs-in-nhar u s-sebgħa ta’ fil-għaxija, fil-fond numru 13, Santa Marija, Triq Antonio Schembri fil-Kappara limiti ta’ San Gwann, ikkommetta serq ta’ flus kontanti, ta’ apparat elettroniku u ġojjelli għad-dannu ta’ Walter Wolsey Farrugia u/jew persuni oħra,

liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi €2329.37, u bil-lok;

b) fl-istess jum, f'dawn il-Gżejjer, xjentement xtara u/jew laqa' għandu hwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew, jekk xjentement, b'kull mod ieħor li jkun iddaħħal f'dawn il-Gżejjer biex ibiegħhom jew imexxihom, liema oġġetti huma ġejjin minn serq ikkwalifikat bil-valur u bil-mezz;

c) ikkommetta reat waqt l-operat ta' sentenzi sospiżi b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

d) irrenda ruhu reċidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-24 ta' Gunju, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 261, 263(a), 266, 267, 269(g), 279, 280, 334, 49, 50, 289 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li ma sabitx lill-imsemmi Jeremy James Farrugia ħati ta' l-imputazzjoni (b) miġjuba kontrih u lliberatu minnha, sabitu ħati ta' l-imputazzjonijiet l-oħra kollha miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għal ħames (5) snin priġunerija effettiva. Ordnat ulterjorment, ai termini ta' l-artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li l-piena ta' priġunerija ta' sena (1) sospiża għal erba` (4) snin mogħtija permezz ta' sentenza fl-ismijiet premessi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar-id 19 ta' Jannar 2004 u l-piena ta' priġunerija ta' sentejn (2) sospiżi għal erba` (4) snin mogħtija permezz ta' sentenza fl-ismijiet "Pulizija v. Owen Mallia u Jeremy James Farrugia" mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar-it 28 ta' Jannar 2005 jiġu reżi operattivi, u b'hekk il-ħati għandu jagħmel perjodu globali ta' tmin (8) snin priġunerija. Il-Qorti attirat l-attenzjoni tad-Direttur tal-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin li minħabba l-problema akuta li għandu l-ħati ta' abbuż ta' droga, jeħtieġ li jingħata l-kura kollha meħtieġa minħabba tali problema;

**3.** Rat ir-rikors ta' l-appellant Jeremy James Farrugia ppreżentat fit-30 ta' Ġunju 2011 li bih talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-ħtija iżda tagħti sentenza aktar ġusta u ekwa;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Rat illi l-aggravju ta' l-appellant huwa dwar il-piena stante illi kien hemm ftehim bejn il-prosekuzzjoni u d-difiża li jekk l-appellant jammetti l-akkużi kontra tiegħu, jingħata sentenza ta' erba` snin priġunerija inkluż is-sentenzi sospiżi.

**6.** Mill-atti jirriżulta illi l-appellant, debitament assistit, ammetta l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu fis-seduta miżmuma mill-Ewwel Qorti fil-11 ta' April 2011. Mill-verbal ta' dik is-seduta jirriżulta illi l-Ewwel Qorti wissietu bil-konsegwenza ta' l-ammissjoni tiegħu, u nonostante illi tagħtu żmien biex jirrikonsidra l-pożizzjoni tiegħu, huwa kkonferma tali ammissjoni. L-ammissjoni tiegħu kienet inkondizzjonata. Xehdet l-uffiċjal tal-*probation* Marietta Lanzon, saret trattazzjoni dwar il-piena u l-kawża tħalliet għas-sentenza.

**7.** Issa, fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabilita` tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati oħra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kinitx eċċessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat. Huwa l-każ li jiġi sottolineat ukoll li skond il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, ammissjoni bikrija

mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena.

**8.** M'hemm l-ebda dubju illi l-piena ta' ħames snin priġunerija dwar l-ewwel imputazzjoni hi fil-parametri tal-liġi. Difatti l-piena applikabbli ghall-ewwel imputazzjoni hi ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa seba' snin miżjud bi grad għal tmintax-il xahar sa tnax-il sena. Barra minn hekk huwa ammetta li sar reċidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u fil-każ odjern, stante illi saret il-prova relattiva permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta ta' l-14 ta' Ottubru 2003, il-piena tista' tiżdied skond l-artikoli 289(1) bi grad jew tnejn.

**9.** L-appellant jgħid illi kien hemm ftehim bejn il-prosekuzzjoni u d-difiża li jekk l-appellant jammetti, jingħata piena komplessiva ta' erba' snin priġunerija. Għalkemm ma saret l-ebda prova dwar dan, din il-Qorti tosserva li l-kunċett ta' patteġġjament ġie trattat minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mario Spagnol** deċiż fis-6 ta' Jannar 2005[1] (u ċitat b'approvazzjoni minn din il-Qorti kif presjeduta f'**Il-Pulizija v. Anthony Zammit** deċiż fit-12 ta' Jannar 2005) fejn, *inter alia*, intqal:

**"Illi dan il-kuncett ta' patteggjament dwar il-piena, sia pure seta' kien fil-prattika dejjem adoperat b'mod informali kemm fil-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali, kif ukoll quddiem il-Qorti Kriminali, iddahhal ghall-ewwel darba b'forma istituzzjonalizzata fil-ligi penali taghna bl-artikolu gdid 453A introdott bl-Att III tas-sena 2002 u emendat bl-Att XIII tas-sena 2002. Dan l-artikolu jifforma parti mit-Taqsima I tat-Tieni Ktieb, Titolu IV: 'Fuq il-Qorti Kriminali'. Bhala rizultat ta' dan l-artikolu gdid b'effett minn Ottubru 2003, sar possibbli li, qabel ma l-akkuzat iwiegeb ghall-mistoqsija jekk hux hati jew mhux hati quddiem il-Qorti Kriminali, l-akkuzat u l-Avukat Generali jitolbu lil dik il-Qorti li, fil-kaz ta' ammissjoni, tapplika sanzjoni jew mizura jew**

[1] Ara wkoll Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Jason Spagnol**, 6 ta' Jannar 2005.

**kombinazzjoni ta' sanzjonijiet jew mizuri tax-xorta u l-kwantita` miftehma bejniethom. Jekk il-Qorti Kriminali tkun soddisfatta li s-sanzjoni jew mizura jew sanzjonijiet jew mizuri mitluba jkunu tali li jkun legittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' htija ghar-reat jew reati li dwaru jew dwarhom l-akkuzat ikun ammetta l-htija u ma jkollhiex ghaliex tordna li jsir il-guri tal-kaz jew ghal xi raguni ohra tichad it-talba, wara li tispjega lill-akkuzat bi kliem car x'ikunu l-konsegwenzi tat-talba tieghu, il-Qorti Kriminali, meta ssir l-ammissjoni ta' htija ta' l-akkuzat, tghaddi biex taghti s-sentenza lilha ndikata mill-partijiet. Imbaghad tiddikjara fid-decizjoni taghha li s-sentenza li tkun qieghda tinghata tkun qieghda hekk tigi moghtija fuq talba tal-partijiet.**

**"….**

**"L-artikolu 392A(5) gdid imbaghad jestendi l-applikazzjoni tal-artikolu 453A fuq imsemmi ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja qabel ma l-akkuzat iwiegeb ghall-mistoqsija hux hati jew mhux hati, pero` f'dan il-kaz irid jidher l-Avukat Generali quddiem dik il-Qorti u n-nota li ssir mill-Avukat Generali u mill-imputat flimkien u li jkun fiha l-ftehim milhuq kif provdut fl-artikolu 453A tkun bizzejjed ghal dan il-ghan."**

**10.** Fil-każ odjern l-appellant tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u rreġistra ammissjoni. Is-sentenza ngħatat a tenur ta' l-artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Issa, mill-atti ma jirriżultax li ġiet segwita l-proċedura kontemplata fl-artikolu 392A(5). Barra minn hekk mix-xiehda ta' l-uffiċjal prosekutur, l-Ispettur Raymond Cassar, kull ma jirriżulta hu li talab lill-Qorti tikkunsidra li l-appellant għandu problema tad-droga. Lanqas is-sentenza appellata ma tirreferi għal xi forma ta' patteġġjament li seta' sar bejn il-prosekuzzjoni u d-difiża. Fil-fatt l-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li kkunsidrat **"l-ammissjoni bikrija magħmula mill-imputat, il-fatt li huwa kkoopera mal-pulizija, il-fedina refrattarja tiegħu, li l-ammont ta'**

**affarijiet derubati kien wieħed sostanzjali u li l-affarijiet derubati laħqu nbiegħu u għalhekk ma setgħux jiġu ritornati."**

**11.** Fil-fehma ta' din il-Qorti, għalhekk, l-Ewwel Qorti kkunsidrat dak kollu li kellha tikkunsidra. Imbagħad il-fatt illi l-appellant għandu problema ta' droga ma jeżimiehx mir-responsabbilta`. Dwar il-*quantum* tal-piena, bhalma ntqal f'**Blackstone's Criminal Practice 2004**:

**"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in *Nuttall* (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will…be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, *though they may appear heavy to individual judges*' (emphasis added). Similarly, in *Gumbs* (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: *'…that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle."* Both Channell J in *Nuttall* and Lord Hewart CJ in *Gumbs* use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in**

**question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed.”** [2]

Din hija l-posizzjoni li konsistentement ħadet din il-Qorti. Għalhekk ma tarax li hemm lok li tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti kif eżerċitata f’dak li huwa l-*quantum* tal-piena.

**12.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier. **Tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Faċilita` Korrettiva ta’ Kordin għall-ħtieġa li l-appellant Jeremy James Farrugia jiġi provdut b’għajnuna psikoloġika u li jiġi inserit fi programm ta’ rijabilitazzjoni minħabba l-problema tad-droga.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[2] Page 1695, para. D23.45